DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

Rotta

StudentBounty.com

**L-EWWEL SENA** **STORJA** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ____________________________________ **Klassi:** ______________

1. **Ħares lejn dawn is-sorsi u għid għal kull wieħed jekk dan huwiex sors primarju jew sekondarju.**




**Sors A – Djarju ta' żmien l-Kavallieri**

______________________________




**Sors B – Manuskritt tal-Medjuevu**

______________________________




**Sors Ċ – Ktieb tal-Istorja**

______________________________




**Sors D – Gazzetta ta' żmien l-Ingliżi**

______________________________

**(Total: 4 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**2. Aqra din is-silta u aqta' sinjal taħt SITT frażijiet li huma żbaljati. L-ewwel waħda hija eżempju.**

Jien u oħti żewġt itfal li ngħixu fi **żmien preistoriku**. Kull filgħodu, mad-daqq tal-iżveljarin, inqumu biex nieħdu banju u wara mmorru lejn l-iskola. Missieri jmur għall-kaċċa biex ikollna x'nieklu filwaqt li ommi toqgħod tara t-televixin fil-kwiet. Xi drabi jkollna mmorru sat-tempju biex noffru xi annimali bħala sagrifiċċju. Meta ma jkollniex x'nagħmlu missieri jeħodna dawra bil-karozza. Mhux l-ewwel darba li noqogħdu naqraw xi ktieb interessanti wkoll. Filgħaxija noqogħdu nħarsu lejn l-istilel. L-għorrief jgħidu li huma importanti ħafna ħalli nkunu nafu meta għandna niżirgħu u meta għandna naħsdu l-uċuħ tar-raba'. Is-sajd ukoll huwa importanti għal ħajjitna. Aħna għandna luzzu biex inkunu nistgħu noħorġu 'l barra meta mmorru nistadu.

**(Total: 6 marki)**

**3. Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

*L-istudju tal-Istorja huwa importanti għal ħafna raġunijiet. Fl-Istorja nistudjaw x'għamlu n-nies li għexu qabilna, mhux biss dawk li baqgħu jissemmew imma wkoll in-nies komuni. Fost l-istudjużi li jgħinuna nifhmu l-istorja nsibu l-**arkeoloġi**. L-iktar arkeologu magħruf Malti huwa Sir Temi Zammit li, taħt it-tmexxija tiegħu, saru **skavi** importanti fl-Ipoġew u t-Tempji ta' Ħal Tarxien.*

3.1. Semmi raġuni l-għala għandna nistudjaw l-istorja ta' pajjiżna.

________________________________________(1)

3.2. X'inhu x-xogħol tal-arkeologu?

________________________________________(2)

3.3. X'tifhem bil-kelma *skavi* kif użata fit-test li għadek kif qrajt?

________________________________________(1)

3.4. Semmi **tliet** fdalijiet li jistgħu jiskopru l-arkeoloġi waqt ix-xogħol tagħhom.

_______________ _______________ _______________ (3)

3.5. X'ittri nużaw biex nuru li ġrajja seħħet wara li twieled Kristu?

________________________________________ (1)

3.6. X'ittri nużaw biex nuru li ġrajja seħħet qabel ma twieled Kristu?

________________________________________ (1)

3.7. Semmi post importanti, fir-Rabat (Malta) jew fil-Belt, fejn insibu l-arkivji (ġabra t'ammont kbir ta' dokumenti storiċi)

________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3.8. Ikteb **tliet** affarijiet li għandna llum imma li l-bniedem ma kellux fil-preistorja.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________________(3)

3.9. Ikteb **tliet** affarijiet li kienu jagħmlu fi żmien il-preistorja u li għadhom isiru sallum.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________________(3)

3.10 X'turina fuq iż-żmien preistoriku s-sejba ta' snanar u ponot tal-vleġeġ?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________________(2)

3.11 Nafu li l-bnedmin li bnew it-tempji kienu jilbsu l-ħwejjeġ. Għaliex taħseb li, minkejja li nstabu l-fdalijiet tat-tempji, ma nstabu l-ebda ħwejjeġ minn żmien il-preistorja?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________________(2)

**(Total: 20 marka)**

**4 Ara l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.**



Dan huwa mudell ta' xini Ruman li bħalu kont tara ħafna fil-Mediterran.

4.1. Semmi żewġ attivitajiet li setgħu jsiru permezz tax-xwieni bħal dak li qiegħed tara fl-istampa.

__________________________________

__________________________________

__________________________________

__________________________________

__________________________________

____________________________________________________________________(2)

4.2. Fil-Gżejjer Maltin instab numru ta' ġebel li bihom kien jingħasar iż-żebbuġ. Liema prodott kien jinġabar wara dan l-għasir?

____________________________________________________________________(1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4.3. Bejn ir-Rumani u l-Kartaġeniżi kien hemm tliet gwerer kbar. Kif kienu jissejħu da[illegible]?

____________________________________________________

4.4 Matul il-ħakma tar-Rumani nafu bil-ġrajja ta' Kajju Verres. Ikteb fil-qosor din il-ġrajja u kif ġiet solvuta.

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

___________________________________________________(5)

4.5 Semmi żewġ pajjiżi li ġew mirbuħa minn Ġulju Ċesri.

____________________________ __________________________ (2)

4.6 Ir-Rumani kitbu l-liġijiet tagħhom fuq Tnax-il Tavla tal-bronż li ħallewhom fil-Forum (fejn kienu jinġabru u jiltaqgħu n-nies). Għaliex taħseb li għamlu hekk?

____________________________________________________

___________________________________________________(2)

4.7 Semmi żewġ modi kif ir-Rumani kienu jagħmlu użu mill-Gżejjer Maltin.

____________________________________________________

___________________________________________________(2)

**(Total: 15-il marka)**

**5 Ikteb jekk hux VERU jew FALZ.**

5.1 Il-Farawni kien meqjus bħala alla għall-Eġizzjani. ____________________

5.2 Il-Feniċi ma kellhomx xwieni tajbin. __________________________

5.3 Il-Feniċi kienu negozjanti mill-aqwa. __________________________

5.4 Il-*murex trunculus* kien bebbuxu importanti għall-Feniċi. __________________

5.5 Il-Feniċi ma kinux jużaw il-kitba. ____________________________

5.6 L-Eġizzjani kienu jużaw il-*papyrus* biex jiktbu fuqha. ____________________

5.7 Ir-Rumani żviluppaw toroq mill-aqwa. __________________________

5.8 Ir-Rumani bnew akwadotti għat-trasport tal-ilma. ______________________

5.9 Annibale kien ġeneral Kartaġeniż. ____________________________

5.10 Il-foqra ta' Ruma kienu jissejħu *patrizi*. __________________________

**(Total: 10 marki)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers



**6. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.**

Fl-istampa naraw ċimiterju tal-Għarab li bħalu kien hemm wieħed fir-Rabat ta' Malta.

6.1. Minn xiex tista' tinduna li dan huwa ċimiterju Iżlamiku?

________________________________________________

________________________________________________(2)

6.2. Kif kienet tissejjaħ il-belt prinċipali ta' Malta fi żmien l-Għarab?

________________________________________________(1)

6.3. Minn żmien l-Għarab insibu ħaġra li kienet tgħatti l-qabar ta' tfajla żgħażugħa. Kif inhi magħrufa din il-ħaġra?

________________________________________________

________________________________________________(1)

6.4. X'għadna nużaw illum li ġej mill-ħakma Għarbija tal-Gżejjer Maltin?

________________________________________________ (1)

**(Total: 5 marki)**

**7. Wieġeb il-mistoqsijiet marbuta mas-silta li ġejja.**

*"Waħda mill-ikbar ċiviltajiet tal-qedem hija dik Griega. Il-Griegi tejbu ħafna mill-affarijiet li sabu kif ukoll ħolqu oħrajn ġodda. Huma rfinaw is-sengħa tal-kitba u kellhom kittieba u filosfi kbar li għadna nistudjaw ix-xogħlijiet tagħhom sallum. Il-Griegi bnew tempji li ddedikaw għall-bosta allat li kienu jaduraw fosthom Zeus li għalih kienu jagħmlu l-kompetizzjonijiet tal-isport fuq il-muntanja Olimpu. Barra minn hekk kienu l-Griegi li ħarġu bil-prinċipji tad-demokrazija u tal-politika. Il-kultura Griega għadha tinħass fit-teatru, fil-matematika, fil-ġografija u fl-Istorja. L-ewwel kittieb meqjus bħala 'Missier l-Istorja' huwa Heroditu li kiteb xogħlijietu snin qabel il-miġja ta' Kristu."*

7.1. Il-Griegi kellhom tliet stili tal-kolonni. Liema kienu?

______________ ______________ ______________ (3)

7.2. F'liema qasam tal-għerf baqgħu magħrufa Platun, Aristotli u Sokrate?

Xjenza, matematika, filosofija, storja. (Aqta' sinjal taħt it-tajba) (1)

7.3. Il-Griegi kellhom xi kolonji fil-Mediterran. Semmi kolonja tagħhom.

________________________________________________ (1)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

7.4. Ir-Rumani rebħu lill-Griegi imma ġew influwenzati minnhom. X'tifhem b'din is-sentenza?

___

___(2)

7.5. Għaliex il-logħob iddedikat lil Zeus jissejjaħ 'Olimpiku'?

___ (1)

7.6. Għaliex Heroditu ġie deskritt bħala 'Missier l-Istorja'?

___(2)

**(Total: 10 marki)**

**8. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.**



Din l-istampa turi tpinġija mas-saqaf ta' waħda mill-kmamar tal-Ipoġew magħrufa bħala s-'siġra tal-ħajja'.

8.1. Għaliex taħseb li dan id-disinn ingħata t-titlu ta' 'siġra tal-ħajja'?

___

___(2)

8.2. Semmi kamra oħra magħrufa ħafna li nsibu fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni.

___ (1)

8.3. Ikteb dwar xi ħaġa speċjali li l-kamra li semmejt fin-numru 8.2 hija magħrufa għaliha.

___

___(1)

8.4. X'għandu differenti l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni minn tempji oħra preistoriċi fil-Gżejjer Maltin?

___(1)

8.5. Għaliex taħseb li ħafna nies jippruvaw iżuru dan il-post interessanti?

___

___(2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

8.6. Għaliex huwa importanti li nieħdu ħsieb postijiet bħal dawn?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

8.7. Xi ħjiel nistgħu nieħdu fuq in-nies li bnew l-Ipoġew meta naraw dan il-post li ħallewlna?

________________________________________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

**9. Agħżel TNEJN u ikteb paragrafu fuq kull wieħed minnhom.**

9.1 Tempju preistoriku li żort.

9.2 L-Għarab f'Malta.

9.3 Il-ħajja tal-Eġizzjani fl-antik.

9.4 It-twemmin tal-bnedmin fil-preistorja.

9.5 Il-Feniċi.

9.6 Il-Katakombi tal-ewwel Insara.

**(10 marki x 2= 20 marka)**

**TMIEM IL-KARTA**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers